MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF SILVIO MELI**

Seduta tad-19 ta' Gunju, 2013

Citazzjoni Numru. 1193/2011

**Avukat Dottor Anthony Cutajar**
**u**
**Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici**

**vs**

**Direttur Qrati Civili u Tribunali u wkoll ghal kull interess li jista' jkollhom, Lombard Bank Malta plc (C – 1607), Bank of Valletta plc (C – 2833), Avukat Dottor Dominic Cassar, Prokuratur Legali Joanna Dingli, Avukat Dottor Rachel Bonello, Prokuratur Legali Gerald Bonello, Perit Joseph A. Briffa A.I.C., Avukat Dottor Martin Fenech, Prokuratur Legali Victor Bugeja, kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw l-interessi ta' l-assenti Rodney Thomas Cake, direttur ta' kumpanija, iben Thomas Haygarth Cake u Mavis Xebba Perkins, imwieled Albany l-Awstralja, bin-numru tal-passaport Awstraljan L7791954 u martu Mamie Pace, bint il-mejjet Thomas Philips u Mary Ellen xebba Daly, imwielda Fernham Common l-**

**Ingilterra bin-numru tal-passaport Ingliz 703205285 u b'digriet datat 20 ta' Marzu, 2012, gew nominati Dr. Yana Micallef Stafrace u l-PL Hilda Ellul Mercer bhala kuraturi tal-assenti Rodney Thomas Cake u martu Mamie Pace**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat promotur datat it-2 ta' Dicembru, 2011, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament esponew is-segwenti:

1. Illi r-rikorrenti kienu gew appuntati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lil Rodney Thomas Cake u lil martu Mamie Pace, u dan b'digriet datat id-19 (mhux 18) ta' Frar, 2010, (ara fol 1 u fol 11);

2. Illi fis-26 ta' Novembru, 2010, gie ntavolat rikors ghal subbasta quddiem din il-qorti diversament preseduta fl-ismijiet Lombard Bank Malta plc (C – 1607) vs Rodney Thomas Cake et, (ara fol 13), li kien komunikat lir-rikorrenti;

3. Illi permezz ta' nota datata l-21 ta' Gunju, 2011, ribadita b'nota ohra datata l-11 ta' Lulju, 2011, l-istess bank indikat fil-paragrafu precedenti ddikjara li fl-atti tas-subbasta *de quo* xtaq jaghmel offerti *animo compensandi*, (ara fol 67 u fol 73);

4. Illi fit-2 t'Awwissu, 2011, il-bank fuq riferit ipprezenta zewg atti gudizzjarji, wiehed cedola ta' kompensazzjoni, (ara fol 100), u l-iehor talba ghall-approvazzjoni tal-istess, (ara fol 95), li t-tnejn gew notifikati lir-rikorrenti;

5. Rat ir-rikors tal-Bank of Valletta datat l-24 t'Awwissu, 2011, li permezz tieghu talab l-izbank tal-ammont depozitat, (ara fol 105);

6. Rat ir-risposta tar-rikorrenti datata l-20 (mhux 6) ta' Settembru, 2011, li permezz taghha

irrimettew ruhhom ghad-decizjoni tal-qorti, (ara fol 2 u fol 144);
7. Illi eventwalment is-somma depozitata giet zbankata u d-Direttur intimat ghadda biex jintaxxa l-ispejjez u drittijiet inkorsi fl-atti tas-subbasta in dizamina li hi datata t-3 ta' Novembru, 2011, (ara fol 164 u 165);

8. Illi jidher li t-taxxa mhix wahda komprensiva, hi skorretta, erronja w illecita stante li d-drittijiet tar-rikorrenti relattivi ghac-cedoli ta' kompensazzjoni u ta' depozitu gew skartati u/jew omessi ghal kollox, u dan, nonostante l-artikolu 41 tat-"Tariffa E" tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

9. Illi kuraturi ghandhom jigu kumpensati ghas-servizzi rezi li huma ufficjali tal-qorti;

10. Illi nonostante li r-rikorrenti avvicinaw lid-Direttur intimat biex tigi rettifikata s-sitwazzjoni u anke nterpellawh gudizzjarjament, l-istess intimat baqa' inadempjenti, u kellha tigi ntavolata l-procedura odjerna;

11. Illi ghaldaqstant qed jitolbu li din il-qorti:

i. Tiddikjara li t-taxxa ufficjali fl-ismijiet Lombard Bank Malta plc vs Rodney Thomas Cake et, (Subbasta numru 90/2010), datata it-3 ta' Novembru, 2011, hi skorretta, irrita u nulla, u konsegwentement tordna li l-istess tigi mwarrba, revokata w annullata;

ii. Tiddikjara u tordna li d-Direttur Qrati Civili u Tribunal ghandu jahdem mill-gdid l-imsemmija taxxa ufficjali;

iii. Tiddikjara u tordna li fil-kumpilazzjoni *ex novo* tat-taxxa ufficjali *de quo* id-Direttur fuq riferit ghandu jsegwi dak stipulat fil-paragrafu (b) tal-artikolu 41 tat-"Tariffa E" tal-Kap 12 fuq ukoll riferit kif indikat fl-istess talbiet tar-rikorrenti b'dan li fil-kolonna ntestata "Kuraturi" jidhlu l-ammonti hemm ukoll indikati bhala drittijiet rispettivi tar-rikorrenti;

iv. Bl-ispejjez kontra l-intimati jew min minnhom, kif mitlub fl-istess rikors guramentat promotur;

Rat ir-risposta tal-Bank of Valletta, l-Avukat Dottor Dominic A. Cassar u Prokuratur Legali Joanna Dingli datata d-9 ta’ Jannar, 2012, li sintetikament wiegbu s-segwenti:

1. Illi l-procedura intentata tipprevedi biss li tigi attakkata taxxa gudizzjarja tal-ispejjez u drittijiet intaxxati u ghalhekk, it-tieni u t-tielet talbiet tar-rikorrenti huma irriti, nulli w inammissibbli;

2. Illi r-rikorrenti jridu jipprovaw li c-Cedola *de quo* tikkwalifika bhala att gudizzjarju;

3. Illi l-bank intimat ma talbux in-nomina tar-rikorrenti u ghalhekk m’ghandux jigi akkollat bl-ispejjez ta’ din il-procedura;

Rat ir-risposta tal-Lombard Bank Malta plc, Avukat Rachel Bonello u l-Prokuratur Legali Gerald Bonello datata s-16 ta’ Jannar, 2012, li permezz taghha wiegbu sintetikament is-segwenti:

1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez;

2. Illi d-Direttur intimat hadem it-taxxa korrettement u skont il-ligi, u ghalhekk m’hemm l-ebda lok ghal revoka tat-taxxa in dizamina;

3. Illi l-esponenti m’ghandhomx ibatu spejjez;

Rat ir-risposti rispettivi ta’ Dr. Martin Fenech (mhux Genech), datata d-19 ta’ Jannar, 2012, u tal-Perit Joseph A. Briffa datata t-30 ta’ Jannar, 2012, li permezz taghhom sintetikament wiegbu s-segwenti:

1. Illi jirrimettu ruhhom ghall-gudizzju tal-qorti;

2. Illi m’ghandhomx ibatu spejjez;

Rat ir-risposta tad-Direttur intimat datata l-20 ta' Jannar, 2012, li permezz taghha sintetikament wiegeb bil-mod segwenti:

1. Illi r-rikors promotur huwa null stante li giet uzata procedura zbaljata billi tressaq rikors guramentat meta kellu jkun wiehed semplici;
2. Illi t-taxxa nhadmet b'mod korrett u t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fil-ligi;

3. Illi m'ghandux isofri spejjez;

4. Illi jirrimetti ruhu ghal kwalunkwe ordni li tistipula l-qorti;

Rat ir-risposta tal-intimati Kuraturi Deputati datata l-15 ta' Gunju, 2012, li permezz taghha wiegbu bil-mod segwenti:

1. Illi r-rikors odjern hu irritu w null stante li giet uzata procedura zbaljata meta tressaq b'gurament meta dan mhux dovut;

2. Illi t-tieni u t-tielet talbiet tar-rikorenti huma irriti u nulli;

3. Illi r-rikorrenti jridu jippruvaw li c-Cedola *de quo* hi att gudizzjarju li ghandu jigi intaxxat *ai termini* tal-artikolu 41 tat-"Tariffa E" tal-Kap 12 fuq riferita;

4. Illi t-taxxa meritu tal-procedura odjerna nhadmet b'mod korrett;

5. Illi m'ghandhomx ibatu spejjez;

Tirrileva f'dan l-istadju li l-prokuratur legali Victor Bugeja baqa' fi stat ta' kontumacja;

Rat id-digriet datat it-28 ta' Gunju, 2012, li permezz tieghu l-partijiet gew awtorizzati, wara li qablu fir-rigward, li t-trattazzjoni tal-kawza ssir kemm b'mod skritt kif ukoll verbalment bil-modalita` hemm indikata, (ara fol 430);

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Semghet lix-xhud prodott;

Ikkunsidrat:

Illi qabel xejn taghmel referenza ghall-verbal tal-abbli rapprezentant legali tad-Direttur intimat datat it-2 ta' Frar, 2012, li permezz tieghu irtira l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-assistit tieghu;

Ikkunsidrat:

Illi nonostante tali rinunzja, jirrizulta li l-istess eccezzjoni preliminari xorta wahda ghadha vigenti stante li giet ukoll sollevata mill-Kuraturi Deputati intimati, (ara fol 398), u ghalhekk ghadha tissollecita decizjoni fir-rigward;

Illi kif gie ritenut fil-verbal datat it-2 ta' Frar, 2012, tal-abbli rapprezentanti legali tar-rikorrenti, l-istess rikors promotur effettivament hu rikors li kien ukoll ikkonfermat bil-gurament;

Illi in effetti li jirrizulta hu li l-"*piu` comprende il meno*", u ghalhekk stante li l-pregudizzju gudizzjarju ghandu dejjem ikun favur l-azzjoni, qed tqis li l-procedura kif intavolata, ghalkemm estrema, xorta hi valida stante li l-gurament *de quo* jirrinforza biss u mhux ibiddel, il-kwalita` tar-rikors riskontrat;

Illi ghaldaqstant, din il-qorti tirrespingi l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-Kuraturi Deputati bl-ispejjez kontra taghhom;

Ikkunsidrat:

Illi fil-meritu, il-fatti kif esposti jistghu jigu sintetikament esposti bil-mod segwenti:
1. Illi t-taxxa in dizamina nhadmet bhal kull subbasta ohra;

2. Illi l-istess subbasta kienet preceduta minn ittra ufficjali u kawza;

3. Illi t-taxxa in dizamina kienet ibbazata *ad valorem* u nhadmet a bazi tat-Tariffa E5, (ara fol 164);

4. Illi d-Direttur intimat jafferma, u ma gie kontradett bl-ebda mod, li evalwa l-kriterji kollha stabbiliti fil-ligi, inkluz l-artikolu 41B tat-Tariffa *de quo* qabel ma hareg it-taxxa in dizamina;

5. Illi l-istess Direttur jirribadixxi li l-Kuraturi Deputati in dizamina gia` kienu nkluzi fl-atti tas-subbasta *de quo* meta giet intavolata c-cedola in kwistjoni, u konsegwentement ma jigux indikati doppjament kif ir-rikorrenti qed jargumentaw;

6. Illi l-Kuraturi Deputati rikorrenti gew moghtija l-ammont lilhom dovut skont il-ligi, liema ammont gie wkoll mahdum *ad valorem* f’att gudizzjarju;

Ikkunsidrat:

Illi di piu`, ghandu jkun ukoll pacifiku li l-vertenza odjerna hi wahda ristretta ghar-relazzjoni bejn ir-rikorrenti u d-Direttur intimat li hareg it-taxxa in dizamina;

Illi ghalhekk l-indirizz tal-procedura odjerna fil-konfront tal-intimati kollha l-ohra kien ghal kollox superfluwu w inutilment dispendjuz stante li dawn huma ghal kollox estranei ghall-vertenza u qatt ma jistghu jkunu rilevanti fir-rigward;

Ikkunsidrat:

Illi tenut kont tas-suespost ghandu jinghad li fil-qadi tal-obbligi taghhom ta’ Kuraturi Deputati fis-subbasta *de quo* l-istess kuraturi rikorrenti ma pprezentawx cedola ta’ kumpens u depozitu;

Illi ghalhekk l-ebda kumpens lill-kuraturi *de quo* ma jirrizulta li hu dovut;

Illi jirrizulta mill-kumpless tal-provi fuq sintetikament espost li t-taxxa mahruga mid-Direttur intimat tirrizulta li fil-kumpless hi wahda korretta u skont il-ligi;

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, filwaqt li takkolji r-risposti sollevati mill-intimati, tirrespingi t-talbiet tar-rikorenti Avukat Dottor Anthony Cutajar u Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici, bl-ispejjez ta’ din il-procedura kontra l-istess rikorrenti.

________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------